

# PITTURA TA' GIANNI VELLA (1885- 1977) LI TIXHED IL-PREŻENZA DIVINA TAT-TRINITÀ QADDISA



Il-Pittura tal-Magħmudija ta' Ġesù Kristu li nsibu mal-ġenb tal-artal maġġur hija tassew espressjoni mill-isbaħ mingħajr pretenzjoni li turi l-imħabba u l-umiltà tal-Mulej Ġesù u l-imħabba bla kundizzjoni ta' Alla, fit-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa. Saret bejn l-1910-11 u hija ta' Gianni Vella, pittur Bormliż, bin Ġużeppi u Marianna Attard, li studja taħt idejn il-pittur Taljan Atillio Palombi. Saret meta kien għadu żgħir, mimli enerġija u mimli talent li kiseb mill-għalliema tiegħu u mill-movimenti artistiċi u dinamiċi li kienu qed iseħħu dak iż-żmien, l-iktar fi Franza.

Għal tliet snin Vella ħadem ma' Palombi fil-Belt Valletta u l-Floriana, fejn dak iż-żmien Palombi kien qed jaħdem l-affresk fil-Knisja ta' San Publiju. Kienet esperjenza importanti għaż-żagħżugħ Gianni Vella, u l-għalliem li dejjem ra futur fih bagħtu jistudja l-Italja. Meta ġie lura Malta mill-ewwel beda jaħdem f'diversi knejjes, inkluża l-Knisja Trinità Qaddisa li dak iż-żmien kienet qed tinbena. F'Għawdex huwa pitter il-Katidral iddedikat lil Santa Marija; biċċa xogħol mill-aqwa nett tiegħu. L-affresk li jinsab hawnhekk poġġa lil Gianni Vella wieħed mill-aqwa pitturi ta' dak iż-żmien. Dan jikkonfermah il-ħafna xogħol li ġie kkummissjonat jagħmel wara.

Gianni Vella kien influwenzat ħafna mill-Impressjoniżmu; stil artistiku li kien popolari ħafna fil-bidu tas-seklu li għadda. Vella kellu esperjenza mill-qrib mal-impressjonisti meta hu għamel perjodu jgħix ġewwa Franza fejn dan il-moviment kien qawwi. Fil-kollezzjonijiet kemm privati kif ukoll tiegħu stess insibu kwadri magħmulin b'*media* diversa ta' livell għoli ħafna u hemm xogħol futuristiku wkoll.

Dan il-pittur rinomat għex l-aħħar 12-il sena ta' ħajtu ma' ibnu Aldo, fil-Mosta. Hawnhekk huwa kellu l-akbar studjo tiegħu, fejn kompla jaħdem b'entużjażmu. L-aħħar żewġ kwadri tiegħu, maħdumin biż-żejt, kienu għall-Kappella ta' Buġibba. Dawn huma l-Qalb ta' Ġesù u pittura li tirrappreżenta l-Qalb Imqaddsa tal-Madonna. Minkejja l-età avvanzata tiegħu, wieħed irid jiftakar li dawn l-aħħar żewġ kwadri kienu ferm kbar. Miet nhar it-3 ta' Settembru 1977, imdawwar bit-tfal tiegħu Beppe, Aldo u Maria.

## Restawr

**Sar ukoll restawr f'dawn l-opri tal-Knisja Parrokkjali Trinità Qaddisa**

- Żewġ kwadri tal-Pittura tal-Kor
- Tindif fil-faċċata tal-knisja
- Ġew ukoll imżanżna tmien siġġijiet għall-artal maġġur